MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 81/2004

**Maltacom Plc**

**vs**

**Stephanie Mifsud**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata t```hallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u tletin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm835.31) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21805930 liema servizz gie installat fil-fond numru ufficjali 32, Flat 1B, Triq San Frangisk, Senglea skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u tletin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm865.31), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------